MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru 134/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Simon Muscat**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Simon Muscat bin Joseph u Carmen nee` Borg, imwieled fit-2 ta' Frar 1975 u residenti fil-fond numru 235, Rome, Triq D'Argens, Gzira, Malta u/jew 132, Triq ir-Rebha, Gzira, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 119575(M) fejn gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Awwissu 2009 ghal habta ta' 13:40hrs gewwa l-Bajja tal-Blue Lagoon, Kemmuna, kien qed isuq opra tal-bahar S 8452 minghajr ma hija registrata mal-MMA kif ukoll minghajr polza tal-assikurazzjoni.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta' Marzu, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Simon Muscat hati tal-imputazzjoni ta' sewqan ta' opra tal-bahar S 8452 minghajr minghajr polza tal-assikurazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' erbat elef u seba' mitt Euro (€4,700.00). Inoltre l-Qorti, wara li rat Regolament 47 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li l-hati Simon Muscat jigi immedjatament skwalifikat milli jkollu jew li jikseb xi licenza, u, jew certifikat, u, jew xi permess iehor mahrug mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ghal zmien tnax (12) -il xahar.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Simon Muscat minnu prezentat fil-15 ta' Marzu 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell tieghu u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie liberat mill-ewwel imputazzjoni, u thassar u tikkancella l-bqija u cioe` fejn huwa gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef u seba' mitt euro (€4,700.00) kif ukoll skwalifikat milli jkollu jew li jikseb xi licenza, u, jew certifikat, u, jew xi permess iehor mahrug mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ghal zmien tnax (12)-il xahar, u minflok tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tirriforma dik il-parti li tikkoncerna l-piena billi tigi mposta wahda aktar idoneja ghall-kaz.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet il-provi mill-gdid.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-18 ta' Awwissu 2009, PS 257 Godwin Scerri flimkien ma' Patrick Pollacco, impjegat mal-Awtorita' Marittima ta' Malta kienu qieghdin jaghmlu spezzjonijiet fuq opri tal-bahar fl-inhawi tal-Blue Lagoon f'Kemmuna. Hemmhekk innutaw dghajsa bin-numru S-8452 immazrata u meta ccekkjaw d-dokumenti ta' registrazzjoni taghha sabu li ma

kienetx registrata mal-Awtorita’ Marittima u meta kellmu lill-imputat dan stqarr maghhom li kien ghadu ma rregistrax id-dghajsa. Huwa gie ghalhekk avzat li ser jittiehdu passi bil-Qorti kontra tieghu.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(a) il-prosekuzzjoni naqset li tressaq xi prova li huwa kien saq id-dghajsa in kwistjoni u ghalhekk wiehed mill-elementi tar-reat huwa nieqes kompletament;

(b) ma tressqet ebda prova li d-dghajsa in kwistjoni kien jehtigilha skont il-ligi polza ta’ assikurazzjoni, u dan kif kellu jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali tal-appell;

(c) l-ewwel qorti ma setghetx issib li kien hemm sewqan tad-dghajsa u jekk kien hemm sewqan tad-dghajsa ma jirrizultax min kien li saqha;

(d) il-piena inflitta kienet wahda eccessiva.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Fl-**ewwel aggravju** tieghu l-appellant isostni li la darba ma saritx prova li l-imputat kien saq id-dghajsa in kwistjoni allura gie nieqes wiehed mill-elementi materjali tar-reat. Fis-sentenza appellata l-imputat kjarament nstab hati biss tar-reat ta’ uzu ta’ bastiment zghir li jahdem bil-mutur u li dwarha ma kienetx issehh polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni. Kuntrarjament ghal dak allegat mill-imputat appellant, ghalhekk, is-sewqan tal-opra tal-bahar in kwistjoni ma hux parti mill-elementi materjali tar-reat u ghalhekk, anki jekk ma giex pruvat is-sewqan tal-opra tal-bahar in kwistjoni, dan l-aggravju ma hux sostnut.

**9.** Fit-**tieni aggravju** tieghu l-imputat jghid li ma tressqet ebda prova li d-dghajsa in kwistjoni kien jehtigilha skont il-ligi polza ta’ assigurazzjoni. Fit-trattazzjoni orali tal-appell l-appellant spjega dan l-aggravju billi sostna li skont il-ligi il-polza ta’ assigurazzjoni hi mehtiega biss ghal opri tal-bahar zghar li jahdmu bil-mutur mentri skont l-appellant,

peress li ma rrizultax li l-bicca tal-bahar in kwistjoni kienet "mechanically driven" allura ma jistax jinghad li kienet bicca tal-bahar "li jahdem bil-mutur".

**10.** Hu minnu li l-htiega ta' polza ta' assigurazzjoni skont ir-regolament 43(1) tar-Regolamenti relevanti, u cioe' ir-Regolamenti Dwar Bastimenti Zghar, (A.L. 183/2008), hi prevista ghal "bastiment zghir li jahdem bil-mutur". Skont ir-regolament 2 tal-istess regolamenti, l-espressjoni "bastiment zghir li jahdem bil-mutur" tfisser "kull bastiment zghir li ma jkunx itwal minn erbgha u ghoxrin metru u li unikament jintuza fin-navigazzjoni fl-ibhra territorjali ta' Malta, li jithaddem b'mezz ta' propulsjoni, kemm dak mekkaniku u kemm dak elettriku." Skont din it-tifsira, ghalhekk, hu bizzejjed li l-opra tal-bahar in kwistjoni tkun tithaddem b'mezz ta' propulsjoni sabiex tikkwalifika bhala bastiment zghir li jahdem bil-mutur. Fejn fit-tifsira jintuzaw il-kliem "kemm dak mekkaniku u kemm dak elettriku" dawn ma humiex intizi sabiex jillimitaw u jirrestrigu s-sinjifikat tal-kelma "propulsoni" izda huma ntizi biss biex jinkludu mezzi kemm mekkanici u kemm elettrici ta' propulsjoni izda mhux biex jeskludu xorta ohra ta' propulsoni. Ghalhekk il-fatt biss li ma jigix pruvat li l-propulsjoni kienet wahda ta' xorta mekkanika ma jfissirx li l-opra tal-bahar bil-mutur in kwistjoni ma kienetx tirrikjedi li tkun koperta b'polza tal-assigurazzjoni. Mic-certifikat ta' registrazzjoni esibit Dok PP1 (fol. 14 tal-process), mahrug 'l ghada tal-incident in kwistjoni, jirrizulta li l-opra tal-bahar in kwistjoni hija *speed boat* twila 6.08 metri u hi operata b'mutur Mercruiser 175 HP. Mill-provi prodotti din il-Qorti hi sodisfatta li l-opra tal-bahar in kwistjoni tikkwalifika bhala "bastiment zghir li jahdem bil-mutur" u li ghalhekk sabiex tintuza kien jehtigilha polza ta' assigurazzoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Dan l-aggravju wkoll qieghed ghalhekk jigi respint.

**11.** Fit-**tielet aggravju** tieghu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-imputat hati tas-sewqan tad-dghajsa u li jekk kien hemm sewqan ma jirrizultax min kien li saq. Mis-sentenza appellata, izda, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati talli saq l-opra tal-bahar in kwistjoni. Dak li jirrizulta hu li l-ewwel Qorti sabet lill-

imputat hati skont ir-regolament 43 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ tal-Avviz Legali 183 tal-2008 kif emendat. Dak ir-regolament jirrikjedi l-polza ta’ assigurazzjoni mhux ghas-sewqan tal-opra tal-bahar izda ghall-uzu taghha u ghalhekk l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati li ghamel uzu mill-opra tal-bahar in kwistjoni u mhux li saq l-istess opra tal-bahar.

**12.** Fil-kors tat-trattazzjoni orali l-appellant issolleva wkoll li ma saritx prova ta’ uzu tal-opra tal-bahar in kwistjoni. Dan l-ilment ma giex dedott bhala aggravju fir-rikors tal-appell izda din il-Qorti ser tqisu bhala sufficjentement inkorporat f’dan it-tielet aggravju u ghalhekk xorta ser tikkunsidrah f’din is-sentenza.

**13.** Mill-provi jirrizulta li l-opra tal-bahar in kwistjoni fid-data relevanti kienet irmiggjata fil-Blue Lagoon f’Kemmuna. Fil-hin tal-ispezzjoni minn PS 257 u minn Patrick Pollacco fuq l-i*speed boat* kien hemm numru ta’ nies fosthom l-appellant li jirrizulta li huwa s-sid tal-istess opra tal-bahar. Dan hu bizzejjed sabiex jikkwalifika bhala uzu tal-opra tal-bahar in kwistjoni. Inoltre, PS Godwin Scerri, fl-affidavit tieghu, iddepona li l-imputat kien ix-xufier responsabbli tad-dghajsa u li dan stqarr mieghu li kien ghadu ma rregistrax id-dghajsa, kif fil-fatt jirrizulta mic-certifikati ta’ registrazzjoni esibiti. L-istess xhud ddepona wkoll li huwa kien avza lill-imputat li kien ser jitressaq il-Qorti talli kien qieghed juza opra tal-bahar minghajr ma kienet registrata mil-Awtorita’ Marittima u li kienet qed tintuza minghajr polza ta’ assigurazzjoni. Waqt l-ezami tieghu ix-xhud Patrick Pollacco xehed li l-imputat qallhom ““tlajt darba nippruvaha” xi haga f’dak is-sens” u fuq domanda tad-difiza fil-kontroezami dwar jekk ghandux xi jzid fuq il-kaz ix-xhud Patrick Pollacco irrepeta li kien qallhom li kien tela’ jippruvaha u li b’dan il-kliem fehem li l-imputat dak inhar kien saq l-i*speed boat*. Patrick Pollacco xehed ukoll li meta staqsew kif is-soltu jaghmlu “min hu responsabbli?”, “min qed isuq?”, pprezenta ruhu l-imputat Simon Muscat. Minn dan kollu din il-Qorti hi sodisfatta wkoll li rrizulta pruvat li l-imputat kien qieghed jaghmel uzu mill-opra tal-bahar in kwistjoni.

**14.** Dan l-aggravju, ghalhekk, qieghed jigi respint ukoll.

**15.** Ir-**raba' aggravju** huwa dwar il-piena. Ir-regolament 43(4)(a) `jipprovdi li l-piena ghall-htija ta' l-ewwel reat hi ta' multa ta' mhux inqas minn €4,660 izda mhux izjed minn €6,900 jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Il-piena ta' multa ta' €4,700 erogata mill-ewwel Qorti hija ghalhekk marginalment oghla mill-minimum assolut tal-piena stabbilita mil-ligi ghar-reat li tieghu l-appellant nstab hati.

**16.** Ghal darb'ohra jigi ribadit li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet tali u ghalhekk dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Simon Muscat qieghed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha b'dan li l-perjodu tal-iskwalifika ghal zmien tnax (12)-il xhar impost mill-ewwel Qorti ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------